**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**26 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 126/2018**

**Alan Spiteri**

**Vs**

**Transport Malta (Awtorita` ghat-Trasport f'Malta)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Alan Spiteri** datat 4 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI***
*Illi permezz ta' zewg ittri datati 15 t'Ottubru 2018 ricevut fl-20 t'Ottubru 2018, l-appellant gie notifikat b'zeewg Avvizi ta' Penali Amministrattivi (skont Regolament 108(1) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (LS 499.56) fejn gie mgharraf li allegatament kienet sehhet spezzjoni fl-10 ta' Lulju 2018, fi Triq il-Gandolfi, M'Scala fis-1:10hrs, fejn irrizulta li bhala operatur naqas li jizgura li l-vetturi GMY 133 u GMY 102, fil-hin li ma kinux qed jintuzaw ikunu mizmuma f'garaxx u jew ma tkunx ipparkjati fit-triq. (Dok A, u B)*
*Illi l-apellant irrisponda ghal dawn l-allegazzjonijiet permezz ta' ittra (Dok C) datata 23 t'Ottubru kontenenti annessi dokumenti (Dok D) u mibghutin permezz ta' Posta Registrata fil-25 t'Ottubru 2018 (Dok E).*
*Illi f'din ir-risposta u dokumenti annessi hemm ragunijiet validissimi ghala l-vetturi kienu jinsabu fuq il-post in ezami, fid-data u hin tal-allegat ksur tar-regolamenti.*
*Illi in segwitu l-awtorita' konvenuta ikkorrispondiet mar-rikorrent permezz ta' zewg ittri datati 30 t'Ottubru 2018 li waslu ghandu fl-10 ta' Novembru 2018 li jallegaw li ma kienx hemm*

*rapprezentazzjonijiet a kuntrarju ta' dak hawn fuq dikjarat, u li l-penali kienet giet imposta konsistenti f'multa ta' mitt ewro (€100) u penali ta' 10 punti ghal kull vettura. (Dok F, G u Dok H)*
*Illi in segwitu l-awtorita' appellata wkoll irrispondiet permezz tal-email hawn annessa (Dok I) fejn staqsiet ghad-data track records, u nghatat risposta li din is-sistema ma hix utilizzata fuq dan il-vetturi fl-istess jum tal-14 ta' Novembru 2018, kif ukoll ingibdet l-attenzjoni ghaz-zewg ittri ta' konferma ta' penali.*
*Illi l-istess awtorita' skont id-Dokumenti F u G hawn fuq imsemmija, informat lir-rikorrent bid-drittijiet tieghu ta' appell mid-decizjoni minnhom mehuda u ghaldaqstant fin-nuqqas ta' risposta wara l-email Dok I, inbdiet l-azzjoni odjerna.*

***RAGUNI GHAT-TALBA***
*Illi r-rikorrent ihoss ruhu aggravat b'dawn id-decizjonijiet billi, principalment l-awtorita' ma tatx smigh xieraq lir-rikorrent u d-decizjoni li wasslet ghall-ittri datati 30 t'Ottubru 2018, kienet wahda intempestiva filwaqt li l-Awtorita' pubblika naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali u/jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel, dwar dak l-ghemil.*
*Illi dan irrizulta bl-aktar mod lampanti billi fil-korrispondenzi ricevuti hemm informazzjoni kontrastanti, fejn filwaqt li fl-ittri datati 30 t'Ottubru jiddikjaraw li ma saret ebda rapprezentazzjoni, fl-email in segwitu jirreferu ghar-rapprezentazzjonijiet maghmula.*
*Illi fid-data u hin tal-allegata spezzjoni, il-vetturi inkwistjoni kienu fuq dan il-post tax-xoghol u qed jintuzaw ghax-xoghol ta' garr ta' passiggieri kif ben tajjeb spjegat fl-ittra li l-appellant baghat lill-Awtorita' datata 23 t'Ottubru 2018, u cioe' li kienu pparkjati sakemm jigi deciz it-tqassim tal-passiggieri u bagalji sabiex jittiehdu numru ta' passiggieri lejn l-ajruport ftit hin wara.*
*Illi r-rapprezentazzjonijiet maghmula, flimkien mal-provi prodotti jxejnu ghal kollox l-allegazzjoni tal-allegata spezzjoni u ghaldaqstant id-decizjoni (li minnha ir-rikorrent qieghed jaghmel dan l-appell) hija wahda ghal kollox karenti minn zewg punti kardinali u imporanti, dawk fattwali dwar rapprezentazzjoni maghmula, u dawk fattwali dwar l-ispezzjoni fiha nnifisha.*
*Ghaldaqstant ir-rikorrent isostni li l-Awtorita' ma setghetx tiddeciedi kif iddecidiet u ghaldaqstant tali decizjoni hija minnha nnifisha abbuz tas-setgha tal-Awtorita' pubblika billi din hija imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.*

***TALBA***
*Illi r-rikorrent ghaldaqstant qieghed jitlob ir-revoka ta' tali decizjonijiet lilu notifikati fl-ittri datati 30 t'Ottubru 2018 u konsegwentement tal-penalijiet kif indikati filwaqt li l-istess awtorita' tigi kkundannata thallas l-ispejjez inkorsi f'dawn il-proceduri."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fis-27 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talba tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vesstorji, hekk kif ser jigi muri fil-mori ta' dawn il-proceduri;*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjonijiet tal-Awtorita' intimata, datati 30 t'Ottubru tas-sena 2018, huma ragjonevoli, gusti u kif ukoll legali u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*3. Illi ghar-rigward tal-penali amministrattiva, dawn ma gewx arbitrarjament impost mil-Awtorita' intimata, izda dawn johorgu espressament mid-Disa' Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. In oltre fir-rigward tal-punti penali, l-Awtorita' wkoll imxiet espressament ma' dak li jghid is-subinciz (4) tal-artikolu 108 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Ghalhekk, din id-decizjoni ghandha tigi kkonfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrenti ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*
*4. Illi dan kollu juri li l-Awtorita' intimata agixxiet korrettament u skont il-ligi, stante li ma kien hemm l-ebda decizjoni mehuda mill-Awtorita' rispondenti li minnha jista' jappella r-rikorrent. L-Awtorita' applikat id-disposizzjonijiet tal-ligi de quo.*
*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri talvolta permissibbli skont il-ligi."*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'zewg (2) decizjonijiet tal-Awtorita` intimata datati 30 ta' Ottubru 2018 li permezz taghhom gie mgharraf, permezz ta' kull wahda minnhom, illi l-istess Awtorita` kienet qieghda timponi fuqu penali amministrativa ta' mitt ewro (€100) u ghaxar (10) punti ta' penali minhabba ksur tar-Regolament 62 (a) u (b) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

Illi minn dak li xehed EO 243 Anthony Psaila, *enforcement officer* mal-Awtorita` intimata, l-Awtorita` kienet irceviet xi ilmenti li kien qieghed ikun hemm xi vannijiet ghall-garr ta' passiggieri ipparkjata barra bil-lejl meta dan ma setghax isir skont Regolament 62 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Di fatti Regolament 62 tal-Legislazzjoni Sussidjarja msemmija jghid is-segwenti:-

*"L-operatur għandu jiżgura li kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri fl-operat tiegħu skont il-liċenza tal-operatur għandha,f'kull ħin meta ma tkunx qed tintuża:(a) tinżamm fil-garaxx; jew(b) ma tkunx ipparkjata fit-triq…"*

Psaila xehed illi meta fis-7 ta' Lulju 2018[1] mar fuq il-post fejn kienu qed isiru l-ilmenti huwa sab zewg vannijiet ipparkjati f'zewg toroq vicin xulxin li ma kinux qed joperaw u ghalhekk hareg kontravvenzjoni riferibbli ghal kull wiehed mill-vannijiet.

[1] Fil-verita` l-ispezzjoni saret fl-10 ta' Lulju 2018 kif jixhdu l-*prime note* tal-istess Enforcement Officer esebiti a fol. 57

Wara dan, u cioe` fil-15 ta' Ottubru 2018, jirrizulta illi ntbaghtu zewg (2) avvizi lir-rikorrent, li presumibilment huwa l-operatur, fir-rigward tal-vetturi bin-numru ta' registazzjoni GMY 102 u GMY 133, fejn gie mgharraf illi l-Awtorita` intimata kellha intenzjoni li timponi fuqu l-penali u punti msemmija iktar 'il fuq. Fl-istess avvizi gie wkoll infurmat li ghandu dritt iressaq ir-rapprezentazzjonijiet tieghu fi zmien ghaxar (10) ijiem minn meta ircieva l-istess avviz b'dana illi l-Awtorita` intimata kellha tiehu in konsiderazzjoni tali rapprezentazzjonijiet qabel tasal ghal decizjoni finali.[2]

Jirrizulta illi r-rikorrenti ghamel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu permezz ta' ittra datata 23 ta' Ottubru 2018 u mibghuta minnu fil-25 ta' Ottubru 2018 fejn spjega illi l-vannijiet in kwistjoni kienu pparkjati fit-triq ghaliex kellu jghabbi xi studenti minn skola vicin ghall-ajruport.[3]

Sussegwentement, permezz ta' zewg (2) avvizi datati 30 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrent gie infurmat bis-segwenti:-

"***Fin-nuqqas ta' rapprezentazzjonijiet mibghuta minnek fuq il-kaz imsemmi**, int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €100 u 10 Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 62 (a) u (b) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri."*[4]

Illi sussegwentement ghal dawn id-decizijonijiet komunikati lir-rikorrenti, intbghatet email datata 14 ta' Novembru 2018 lir-rikorrent minghand certu Bernardette Stivala, ufficjal tal-Awtorita` intimata, fejn b'referenza ghall-ittra tar-rikorrent tat-23 ta' Ottubru 2018 talbitu biex jipprovdihom bid-*data track record* taz-zewg vannijiet. Ir-rikorrent irrispondiha dakinhar stess li fil-vannijiet ma kellhomx dak l-apparat ghaliex ma kienx obbligatorju.[5]

Illi preliminarjament ir-rikorrent ppremetta illi l-Awtorita` intimata kienet zbaljata fid-decizjonijiet taghha ghaliex hadet l-istess decizjonijiet minghajr ma tat kaz jew ingabu a konoxxenza taghha ir-rapprezentazzjonijiet maghmula minnu. Illi minn qari tad-decizjonijiet dan jirrizulta minnu ghaliex jidher bic-car illi l-Awtorita` intimata ma hadet l-ebda konjizzjoni tar-ragunijiet imressqa mir-rikorrent fl-ittra mibghuta minnu fit-23 ta' Ottubru 2018. Pero` iktar minn hekk bhal donnu fl-istess Awtorita` kien hemm ufficjali li ma kinux jafu li diga nharget decizjoni ghaliex

[2] Dok A u B a fol. 6 u 7
[3] Dok C, D u E a fol. 8 sa 11
[4] Enfasi tat-Tribunal
[5] Dok I a fol. 15

imbghad fl-14 ta' Novembru 2018, meta allura r-rikorrent kien diga ircieva d-decizjonijiet finali, ufficjal tal-Awtorita` intimata staqsiet lir-rikorrent biex jibghatilha dokumenti ulterjuri. Allura dan jirrizulta li kien kaz li l-id il-leminija ma kinitx taf x'qed taghmel l-id ix-xellugija!

Illi ghalhekk huwa car illi f'dan il-kaz il-procedura elenkata fir-Regolament 108 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ma gietx skrupolozament segwita. Dan in-nuqqas jirrendi nulla d-decizjoni appellata u kwindi l-Awtorita` intimata ghandha tiehu d-decizjoni taghha wara li tiehu in konsiderazzjoni r-rapprezentazzjonijiet mibghuta mir-rikorrent.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jirrevoka z-zewg decizjonijiet mibghuta lir-rikorrent datati 30 ta' Ottubru 2018 u li kopja taghhom tinsab esebita a fol. 12 u 13 tal-process u tichad ir-risposta tal-Awtorita intimata.

Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita' intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**